MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 222/2004

**U. C. I. M. Co Ltd (C 507)**

**vs**

**Alice Vella u zewgha John Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett telef, seba' mija u tnejn u disghin lira Maltin (LM 3792) rapprezentanti import ta' tnejn u erbghin (42) il-kambjala, wahda u erbghin ta' LM 90 il-wahda u wahda ta' LM 102, debitament acettati u skaduti minn Mejju 1999 sa Ottubru 2002 rispettivamet u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numru minn 1 sa 42 konsekuttivament u inklusivament;

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-22 ta' April 2004 jammontaw ghal LM 1060, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult legali (LM 6.00) kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenuti, debitament notifikati, ma kkontestawx it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-18 ta’ Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett telef, seba’ mija u tnejn u disghin lira Maltin (LM 3792) bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------